MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 91/2002/1

**MCE Limited**

**vs**

**Mario Pickard bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` kummercjali Ideal Dwellings (Turnkey) Limited u f'ismhu proprju bhala garanti ta' l-istess socjeta` kummercjali Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut proprio et nomine sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallsu flimkien in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u erbghin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1845.72,0) Dok A, rappresentanti prezz ta' diversi oggetti ta' l-elettriku u ohrajn ancillari, mibjugha u kkonsenjati lilu fuq inkarigu tieghu stess kif jirrizulta mid-diversi invoices;

2. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja, u cioe' mid-data ta' kull invoice rispettiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata l-15 ta' April tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:

1. Illi, in linea preliminari, Mario Pickard personalment ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici u ghalhekk jitlob li jigi lliberat mill-osservanza ta' gudizzju, stante illi huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni personali, anke bhala garanti, in konnessjoni man-negozju li sar bejn is-socjetajiet kontendenti;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari hawn fuq sollevata, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezenanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici, tramite direttur taghha, issostni li l-konvenut proprio et nomine ghandu jirrifondi l-ammont indikat fl-avviz odjern lis-socjeta' attrici;

2. Illi dan l-ammont hu riklamat mis-socjeta' attrici ghal xoghol ta' elettriku mixtri minghandha u li tieghu baqghet ma thallsitx;

3. Illi skond l-istatement of accountipprezentat mid-direttur tas-socjeta' attrici fuq indikat, (ara fol 17), il-merkanzija mixtrija tidher dettaljatament indikata u tinkludi l-imghaxijiet dovuti sad-data hemm indikata, cioe' il-21 ta' Mejju, 2002;

4. Illi s-socjeta' attrici pprocediet bil-kawza odjerna stante li ssostni li l-konvenut proprio et nomine iffirma anke garanzija biex jaghmel tajjeb ghall-ammont indikat fl-istess u li anke ghamel hekk f'ismu personalment (ara fol 18);

5. Illi fl-ahharnett, id-direttur tas-socjeta' attrici fuq indikat informa lill-qorti wkoll li s-socjeta' Ideal Dwellings Limited kienet tixtri b'mod regolari minghand is-socjeta' attrici izda li llum dan m'ghadux isir;

6. Illi jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' l-istess direttur tas-socjeta' attrici fuq indikat li kienu ghaddejjin trattattivi bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' Ideal Dwellings (Turney) Limited ghal possibbili transazzjoni izda peress li dawn ma kkonkretizzawx ruhhom kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi Mario Pickard citat in gudizzju kif fuq referit jirizulta li hu direttur fis-socjeta' Ideal Dwellings (Turnkey) Limited;

Illi l-istess konvenut isostni s-segwenti:

1. Illi n-negozju in dizamina dejjem kien esklussivament bejn is-socjeta' attrici u Ideal Dwellings (Turnkey) Limited;

2. Illi l-ftehim bejn is-socjetajiet involuti kien li s-socjeta' fornitrici kienet tissuplixxi l-materjal mitlub lis-socjeta' kompratrici u kienet tikkoncedilha kreditu ghall-perjodu ta' erba' (4) xhur ghall-pagamenti minnha dovuti;

3. Illi l-akkordju dejjem kien bejn is-socjetajiet fuq riferiti;

4. Illi l-istess direttur konvenut fuq indikat isostni wkoll li z-zewg socjetajiet kienu ftehmu oralment li l-ammonti dovuti kellhom jigu saldati permess ta' sistema ta' tpacija ma kwalunkwe xoghol li s-socjeta' Ideal Dwellings (Turnkey) Limited setghet taghmel;

5. Illi l-istess socjeta' msemmija fil-paragrafu precedenti kienet ukoll infurmat lis-socjeta' attrici biex din setghet issibha biex tikkonkludi dan il-ftehim izda l-imsemmi direttur konvenut isostni li din is-socjeta' qatt ma giet b'risposta;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta attrici taghti hafna importanza lid-dokument minnha ipprezentat u mmarkat Dok IP2 a fol 18;

Illi din il-fiducja ghamja li s-socjeta' attrici poggiet f'dan id-dokument ma tidhirx li hija ghaqlija;

Illi dan qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi dan id-dokument huwa biss talba biex is-socjeta' Ideal Dwellings (Turnkey) Limited tinghata facilita' ta' kreditu sa l-ammont hemm indikat;

b. Illi l-enfasi li l-istess socjeta' attrici tpoggi fuq il-kliem "…on my own behalf…" jidher li hu malindirizzat sante li ma jfissirx li l-konvenut qed jobbliga ruhu b'xi mod li jkun xi garanti ghas-socjeta' tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li n-negozju meritu ta' din il-procedura sehh biss bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' Ideal Dwellings (Turnkey) Limited;

Illi d-direttur konvenut ta' din is-socjeta' mhux xejn hlief direttur fl-istess u ghalhekk m'ghandux jigi akkollat b'responsabbiltajiet li din il-kariga ma tghaddix fuqhu;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti filwaqt li qed takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut propio et nomine tirrespingi t-talbiet attrici, tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut proprio et nomine u konsegwentement minghajr pregudizzju ghall-kwalunkwe drittijiet tas-socjeta' attrici, tillibera lill-konvenut Mario Pickard proprio et nomine mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

1. L-ewwel Qorti ma setghet qatt tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. Tissottometti illi l-ewwel eccezzjoni akkolta mill-istess Qorti kienet tolqot il-posizzjoni tal-konvenut in kwantu citat in veste personali, u allura din ma setghet qatt tigi estiza ghas-socjeta` rapprezentata mill-konvenut;
2. L-ewwel Qorti kienet ukoll zbaljata fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni. Tikkontendi f'dan il-kuntest illi meta l-konvenut personalment issottoskriva d-dokument IP2 huwa ntrabat bhala garanti tas-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u ssib li z-zewg aggravji huma validi u ghandhom jigu akkolti.

Ghar-rigward tal-ewwel aggravju d-deduzzjoni tal-ewwel Qorti li tillibera anke lis-socjeta` konvenuta hi fondamentalment zbaljata. Anke kieku kellu jigi ghall-mument accettat l-argument prospettat mill-Qorti ta' l-ewwel grad illi l-konvenut personalment ma assuma l-ebda obbligi fil-kariga tieghu ta' direttur, dik il-Qorti, imbaghad, ma setghetx, bl-ebda gustifikazzjoni logika jew guridika, tillibera wkoll lis-socjeta` konvenuta meta l-eccezzjoni moghtija ma kienetx tirrigwarda l-posizzjoni taghha fil-litigju.

Certament kellu jkun evidentement ben distingwibbli anke mill-ewwel Qorti illi l-konvenut gie mharrek kemm personalment kif ukoll ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` minnu rapprezentata, u allura dawn iz-zewg vesti ma kellhomx jigu konfuzi flimkien b'mod li l-eccezzjoni tigi maghmula applikabbli kemm ghal wahda kif ukoll ghall-ohra. Tabilhaqq l-ebda djalattika ma tista' ssalva l-vizzju tal-konkluzjoni sostnuta fis-sentenza appellata.

Fil-kaz tat-tieni aggravju s-socjeta` appellanti tqanqal kontra s-sentenza appellata l-obbjezzjoni illi l-ewwel Qorti ma approfondietx bizzejjed il-portata tad-dokument esebit a fol 18, u li allura l-parti razzjonali tas-sentenza appellata, li fuqha hu bazat id-dispositiv, ma gietx korrettement koncepita.

Fir-rigward u bir-rispett kollu din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mar-ragjonament sostnut fis-sentenza appellata.

Il-kwestjonijiet tad-dritt li jistghu jemanu 'ex groemio' tad-dokument imsemmi huma tnejn, senjatament illi:-

(a) it-talba ghal facilitajiet kreditizji, una volta accettata, kif jidher li hekk hu l-kaz in ispece, tiddenota l-intenzjoni tas-sottoskriventi tad-dokumenti li jkunu vinkolti minnu. Dan ghaliex hu elementari fid-dritt illi r-rapport guridiku jitwieled appena jkun hemm ir-rabta krejata bl-unjoni tat-talba u tal-accettazzjoni. Proprju minn dan il-mument il-voluntajiet tal-partijiet jimmedisemaw ruhhom b'mod li joholqu l-vinkolu. Vinkolu dan li jinkapsula fih certi obbligazzjonijiet.

(b) Inter alia, l-obbligu li, kif specifikatament espress fl-istess dokument, jiggarantixxi u jaghmel tajjeb in solidum mal-kumpaniji, u ma kwalsiasi direttur iehor firmatarju tad-dokument, li jonora u jhallas kwalsiasi kreditu li jkun dovut.

Mill-provi processwali jirrizulta bla ebda dubju illi t-talba kontenuta fid-dokument IP2 giet accettata tant li gie provvdut il-materjal konsegwenti ghaliha. Dan kif manifest u evidenzjat mill-fatturi esebiti minn fol 20 sa fol 50. Gjaladarba dan hekk jirrizulta, tiskatta b'konsegwenza l-garanzija kontemplata fid-dokument precitat. Garanzija, li kif definit fl-Artikolu 1925 tal-Kodici Civili, "hija kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."

In bazi ghan-norma taht konsiderazzjoni, u in vista wkoll tal-fatt illi l-konvenut personalment iffirma d-dokument surreferit, l-volonta` tieghu li jassumi l-obbligazzjonijiet fideiussorji fl-interess tas-socjeta` tieghu hi demostrata mill-prova ta' dan l-istess fatt tal-firma. Prova din espressa, kif hekk irid a propozitu l-Artikolu 1929 tal-Kap 16. Dan anke ghaliex il-garanzija ma tistghax tkun tacita jew prezunta izda biss espressa, anke jekk mhux taht xi forma sagramentali (**Kollez Vol XLIV pII p746**).

Titqies fideiussjoni volontarja in kwantu nsorgiet in virtu tan-negozju li mieghu hi direttament konnessa. Volonta` manifestanti ta' patt car, preciz inekwivoku li kjarament jirrizulta mill-espressjoni konfigurata fid-dokument innifsu u li wiehed jifhem li giet hekk inkluza biex tirrafforza t-tutela ta' l-interessi tas-socjeta` attrici kreditrici. Jekk il-konvenut fehmx jew le l-kontenut tal-istess espressjoni dan hu 'res inter alios acta' kemm ghaliex messu kien jaf x'qed jiffirma kif ukoll ghaliex il-garanzija tassumi valur mill-istess kliem taghha fit-tessut negozjali bejn il-partijiet.

Lanqas imbaghad ma jiccentra jekk il-konvenut kienx mizzewweg jew le. Il-garanzija hi obbligazzjoni accessorja fis-sens li tissussisti sakemm tibqa' fis-sehh l-obbligazzjoni principali. Obbligazzjoni din konnessa man-

negozju u allura hi bl-operat tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili vestita fil-parti li fil-fatt ikun qed jezercita l-kummerc jew negozju. Kwalsiasi obbjezzjoni jew eccezzjoni, anke jekk din ma nghatatx formalment, ma tregix in kwantu ghal kaz taht ezami jsib applikabilita` proprju l-imsemmi artikolu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. L-atti tal-kawza qed jigu rinvjati lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u definizzjoni tal-meritu tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellat proprio et nomine.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu a karigu tal-istess konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------